# Ir-Rewwixta tal-Milizzja taż-Żurrieq għall-Kaptan tagħhom.

Ma kienx għad fadal ħin wisq biex titla' x-xemx ħalli tagħti l-ħajja u ddawwal il-jum tal-15 ta' Mejju 1641. Dal-jum kien nhar ta' Erbgħa. F'daqqa waħda, bla ħadd ma kien jistenna, tinsama' tfaqqigħa kbira ta' kanun miġbuda minn fuq is-swar ta' l-Imdina. Fis-skiet u l-ħemda tal-lejl li kien, din damdmet u dwiet ma' Malta u Għawdex kollha.

Għal din it-tfaqqigħa, wieġeb l-ewwel Għawdex, bi tfaqqigħa oħra ta' kanun mill-Kastell tar-Rabat. Wara wieġbet ukoll il-Belt minn fuq it-Torri ta' San Ġwann.

Dawn it-tliet tfaqqigħat ta' kanun, dari kienu jinqdew bihom biex jagħmlu n-*Nafra*. Dina n-*Nafra* kienet issir biex jiġi mgħarraf li Gżiritna tinsab imħedda minn xi ħsara. Aktarx li kien jiġri dan, kull meta jħiġġu x-xwieni Torok fuq Malta. Bin-*Nafra,* in-nies kienu jiġu mgħarrfa li jinħtieġ ifittxu jaqbdu l-armi u jmorru jingħaqdu mar-Riġment tagħhom bla telfien ta' żmien xejn, biex jistgħu jħarsu arthom l-għażiża minn kull tiġrib li jista' jinqala'.

Dari kull min jidħol fil-ħmistax-il-sena tiegħu, kien irid jaqdi lil Malta billi jagħmilha ta' suldat fil-Milizzja, u jibqa' fiha sa kemm ikollu 65 sena.

Mid-dmir ta' suldati tal-Milizja kienu jistgħu jeħilsu dawk li ma jkunux tajba għall-armi, bħal l-għomja, il-magħtuba u hekk. Ma' dawn ukoll dawk il-misserijiet li jkollhom tlitt itfal suldati, kemm jekk dawn ikunu fil-Milizzja, kemm f'band'oħra ma' l-Ordni. Iżda, meta Malta tkun imhedda mill-egħdewwa, kellu jaqbad l-armi kulħadd, kull min kien jiflaħ jitqabad.

Fiż-żmien li qegħdin insemmu (1641), il-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla u l-Imdina kellhom ir-Riġment tagħhom tal-Milizzja. Iżda l-irħula kollha kienu mqassma fi tliet Riġmenti oħra biss. L-ewwel Riġment kien imgħaqqad mill-Kumpanija ta' Birkirkara u mill-oħra tan-Naxxar; it-tieni minn ta' Ħal-Qormi u minn ta' Ħaż-Żebbuġ; u t-tielet minn ta' Santa Katerina (iż-Żejtun), ta' Birmiftuħ (il-Gudja), taż-Żurrieq u tas-Siġġiewi. Iżda kull raħal milli semmejna kien jiġbor miegħu l-irħula żgħar l-oħra ta' ma' dwaru u l-qrib tiegħu.

Kif kienu mqassma t-tliet Riġmenti tar-rħula, bejniethom ilkoll kellhom tmien Kaptani. Wieħed għal kull Kumpanija tal-Parroċċa li semmejna.

Għalkemm semmejna tmien Parroċċi biss, fl-1641 kien hawn aktar minn dan il-għadd. Iżda, dawk il-parroċċi li saru wara t-tmienja li ġibna, għal xi żmien baqgħu jagħmlu mal-Parroċċa li magħha kienu qabel, dwar dik li hi Milizzja.

B'Kap fuq ir-Riġmenti tal-Milizzja kollha, sew tal-bliet, kemm tar-rħula, kien is-Siniskalk. U biex igħinuh aktarx li kellu żewġ Mastri di Kamp tiegħu.

Is-Siniskalk kellu r-Riġment ta' Birkirkara u n-Naxxar taħt idejh. U kull Mastru di Kamp kellu wieħed miż-żewġ Riġmenti l-oħra.

Sew is-Siniskalk, kemm il-Mastri di Kamp, kif ukoll il-Kaptani, kienu jintagħżlu kollha minn fost il-Kavalieri ta' l-Ordni. Mill-Alfier lisfel kienu Maltin. Fost ir-Riġmenti tal-Milizzja li kien hawn, wieħed biss kellu l-Kapijiet tiegħu kollha Maltin,—dak ta' l-Imdina. Kien taħt il-Kaptan tal-Virga u l-erba' Ġurati, maltin ilkoll.

Mar-Riġmenti tal-Fanterija, kien hawn ukoll tal-Kavlerija, fil-Milizzja bħal l-oħrajn. Il-Kap ta' dawn kienu jgħidulu l-Kavlerizz. Dan kien Kavalier ukoll.

Għall-Kavlerija kienu jiġu miġbura dawk li kellhom 50 uqija fis-sena minn djarhom. Dawn kienu marbuta li jżommu, bi flushom, żiemel għalihom biex jinqdew bih bħala suldati tal-Kavlerija.

Fil-Kavlerija kienu jistgħu jidħlu wkoll, minn rajhom, dawk li kellhom xi żwiemel tagħhom, biex jaħdmu bihom, ingħidu aħna bħal karrettunara, tal-kalessi, u hekk. Biex din ix-xorta ta' nies jitħajru aktar jidħlu fil-Kavlerija, u hekk l-għadd tas-suldati fiha jikber, dawn ma kienu marbuta b'xejn. Għalhekk kienu jistgħu jitilqu mill-Kavlerija, meta jridu. Terġa', jekk is-suldati l-oħra tal-Milizzja kienu jagħmlu l-għases is-sena kollha, dawk li jidħlu minn rajhom fil-Kavlerija, ma kenux jistgħu jqabbduhom għall-għassa ħlief minn Marzu sa San Martin biss. B'hekk kien jaqblilhom għax jeħilsu minn erba' xhur għassa fis-sena.

Kellhom xi ħlas fil-Milizzja s-Siniskalk, il-Mastru di Kamp, l-Alfier, is-Surġent tal-Bandiera u tat-Tanburlin. L-oħrajn bla ħlas ta' xejn. Id-drill u t-tħarriġ fl-isparar kien

isir fil-Ħdud. U ħliet darbiet, jew erbgħa ħis-sena, kienu jiltaqgħu r-Riġmenti kollha fl-imkien.

Meta ssir *in-Nafra*, sew ir-Riġmenti tal-Fanterija, u kemm tal-Kavlerija, kellhom maqtugħ fejn għandhom imorru u jitqassmu ħalli jilqgħu t-Torok u jżommuhom lura.

It-tliet tfaqqigħat ta' kanun li saru fil-15 ta' Mejju 1641, qajmu lin-nies minn sodditħom b'ħasda u ħin qabel il-waqt. Kulħadd beda jistaqsi x'ġara, bla ħadd ma seta' jagħti tweġiba sewwa għall-mistoqsija li bdiet issir. B'dana kollu, in-nies malajr intebħu li dik kienet *In-Nafra*. Għalhekk qabdu l-armi u kull wieħed mar jinġabar taħt il-bandiera tar-Riġment tiegħu, biex ikun imħejji għal dak li jista' jinqala'. Il-Kavlerija inġabret ukoll lejn il-Marsa, tistenna hemm, fejn sa tiġi msejħa biex tagħti l-għajnuna tagħha.

Waqt li saret dina *n-Nafra*, fiż-Żurrieq ġrat biċċa li l-lum ma għadhiex tissemma. Għalhekk ta' min ifakkarha mill-ġdid, biex tinżamm ukoll fi ġrajjietna, billi ma hi mniżżla fl-ebda ktieb.

Meta ġiet mogħtija *n-Nafra* li semmejna, l-ewwel ma nġabru fil-misraħ taż-Żurrieq kienu l-Kaptan ta' dan ir-raħal u xi għoxrin ruħ miegħu.

Il-Kaptan tal-Kumpanija tal-Milizzja taż-Żurrieq, fl-1641 kien Fra Grabiel De Melos, Kavalier tal-Prijurat tal-Portugal.

Id-dar tal-Kaptan kienet tkun fir-raħal ta' fejn ikollu l-Kumpanija tiegħu biex bil-lejl kien jorqod hemm.

Il-kera tad-dar kien jitħallas min-nies tal-parroċċa. Kulħadd joħroġ sehmu. Biss minn dal-ħlas kienu meħlusa n-nisa u t-tfal, magħhom ukoll il-qassisin, billi dawn ma kenux jagħmlu ma' l-Ordni, iżda kienu taħt l-Isqof.

Il-Kaptan De Melos, bl-ewwel nies li nġabru miegħu, baqa' sejjer bihom lejn ix-xagħra *tan-Nigret*, bit-tanbur idoqq biex in-nies tkun taf aktar 'il fejn għandha tmur.

Fin-*Nigret*, bil-lejl, kien ikun hemm dejjem waħda mill-għases tad-Dejma.

Ma laħaqx għadda ħin wisq li, fin-*Nigret*, ma bdewx jaslu ftit ftit, is-Suldati tal-Kumpanija taż-Żurrieq bl-armi magħhom.

In-nies tal-Milizzja dari kienu jżommu għandhom l-ixkubetta bil-balal meħtieġa, ix-xabla, is-sejf u l-pendent, waqt li xi wħud kellhom il-forċina wkoll. U din kienet

biċċa sewwa ħafna għal dak iż-żmien. B'hekk meta n-nies tissejjaħ għall-għarrieda, ma kienx isir taħwid u tfixkil sa kemm wieħed isib l-armi tiegħu, iżda kulħadd kien jasal imħejji minn kollox għal dak kollu li seta' jinqala' f'daqqa.

Meta l-Kumpanija taż-Żurrieq inġabret fix-xagħra tan-*Nigret*, il-Kaptan De Melos qassam is-suldati tiegħu f'erba' skwadruni: Taż-Żurrieq, tal-Qrendi, ta' Bubaqra u ta' Ħal-Millieri, kull wieħed għalih. Imbagħad, wara li kien ilu li sebaħ sewwa, beda jaqra l-ismijiet tan-nies, ħalli jara min kienu dawk li naqsu minn dmirhom u ma ġewx għas-sejħa li saret. Qara dawk taż-Żurrieq u ta' Bubaqra, u kien sa jaħbat jaqra dawk tal-Qrendi. Iżda fil-ħin jasal it-Turkupilier (1) ta' l-Imqabba, Toni Zammit, riekeb fuq iż-żiemel tiegħu, u mar fuq il-Kaptan u qallu li n-*Nafra* ta' dak il-lejl saret għalxejn imħabba f'għelt li ttieħed. Wieħed mill-għases tax-xtut li jagħmlu mal-Parroċċa taż-Żurrieq, ra riesqa dgħajsa lejn l-art. Tal-għassa sejħilhom. Iżda billi tad-dgħajsa ma weġbux għas-sejħa li saritilhom, is-suldat għamel in-nar bl-ixkubetta. Wieħed mill-għases tad-Dejma fl-inħawi tas-Siġġiewi, li kien fil-għassa ta' *but xifa*, lemaħ dan in-nar u mar igħid lill-Kaptan tiegħu. Dan il-Kaptan bagħat igħarraf malajr l-Imdina, minn fejn ġiet miġbuda l-ewwel tfaqqigħa ta' kanun. U b'hekk kellha bidu n-*Nafra* li saret billi wara wieġbu wkoll Għawdex u l-Belt b'żewġ tfaqqigħat oħra ta' kanun waħda kull wieħed.

Xħin il-Kaptan taż-Żurrieq sama' b'dan, tbergħen. Beda jlum lit-Turkupilier ta' l-Imqabba, u qallu li d-dmir tiegħu kien li messu fittex jgħarrfu b'dil-biċċa malajr, u mhux iħallih bin-nies tiegħu hemm, jistenna dak iż-żmien kollu għalxejn. Iżda Zammit wieġbu, li ma kienx dmir tiegħu

---

(1) It-Turkupilieri kienu saru meta ġiet l-Ordni f'Malta. Għall-ewwel kienu erbatax, iżda fiż-żmien li qegħdin insemmu (1641) aktarx li l-għadd tagħhom laħaq tmintax Mat-Turkupilieri, kienu saru wkoll żewġ Bandolieri. Sew it-Turkupilieri kemm il-Bandolieri kienu jitħallsu. Id-dmir tat-Turkupilieri kien li ma tul il-lejl, iduru l-għases fl-inħawi tagħhom biss, bla ma jistgħu jonqsu minn dan. Il-Bandolieri, kull meta jfettlilhom, iduru l-għases ta' fejn jidhrilhom huma. Għal din il-biċċa xogħol kellhom żewġ żwiemel għalihom, imħallsa mill-Gvern.

li għamel dan, għax ma kien hemm l-ebda bhima qiegħda biex jinqdew biha għal dana x-xogħol.

Waqt li l-Kaptan de Melos kien jitħaddet mat-Turkupilier Zammit, resaq fuqhom wieħed mis-suldati, jismu Mikiel Farrugia, minn Ħal-Lew. Dan wara il qal lill-Kaptan, li it-Turkupilier l-Ħadd li għadda, kien ħadu minn għassa u għamlu f'oħra, mar qagħad fejn sħabu, is-suldati l-oħra.

Meta Farrugia warrab, de Melos staqsa lil Zammit, il-għala l-Ħadd li għadda naqqas mill-għasses. Zammit wieġbu li dan m'hux minnu. Biss, minn għassa li kien fiha nies żejda, ħa wieħed minn din u tefgħu f'għassa oħra li kellhom in-nies nieqsa, bl-amar tas-Siniskalk.

Iżda minn xhieda li de Melos kellu, kien jaf, li sew Zammit, kemm Farrugia, it-tnejn ma qalux is-sewwa. Għalhekk qal lit-Turkupilier Zammit li jista' jitlaq u, la darba qabdu f'gidba, kellu igħid lis-Siniskalk b'kollox.

Għall-kliem ta' De Melos, Zammit baqa' fejn kien. Il-Kaptan reġa' qallu biex imur, u Zammit ma riedx. U għalkemm il-Kaptan qallu biex jitlaq għal bosta drabi, Zammit ma ċċaqlaqx minn fejn kien. Fl-aħħar il-Kaptan telgħulu u heddu li, jekk ma jitlaqx, jeħodlu l-furketta (furċina) li kellu f'idu u jaqsamha fuq rasu. B'dana kollu, Zammit baqa' jwebbes rasu u ma riedx jitlaq. Fuq hekk, De Melos ried jeħodlu l-furketta minn idu, iżda Zammit żammha sewwa u qabbeż iż-żiemel għal fuq il-Kaptan; De Melos ħareġ ix-xabla u ta daqqa, biċ-ċatt tagħha, lil Zammit u daqqa oħra fuq iż-żiemel tiegħu. Zammit telaq, iżda reġa' lura malajr biż-żiemel għal fuq il-Kaptan. Dan ħareġ il-pistola u biha heddu li jagħmel innar fuqu, kemm-il-darba ma jerġax lura. Fuq hekk, Zammit warrab u telaq minn hemm·

Wara li telaq Zammit, De Melos mar qalb is-suldati tiegħu, ifittex lil Mikiel Farrugia, dak li ġie mibdul mill-għassa. Sabu, neħħieh minn ma' l-oħrajn u qiegħdu għalih waħdu. Imbagħad, De Melos mar ifittex lill-Famolo (żbirr) tal-Kaptan tal-Virġa, biex igħidlu jieħu miegħu lil Farrugia u jżommu fil-Ħabs ta' l-Imdina sa kemm igħarraf bil-biċċa lis-Siniskalk.

Waqt li l-Kaptan warrab biex ifittex lill-Famolo li semmejna, Farrugia reġa' mar qagħad fejn kien qabel, qalb sħabu.

De Melos ma sabux lill-Famolo, u meta ġie lura u ma lemaħx lil Farrugia fejn ħallieh, intilef minnu n-nifsu. Reġa' mar fejnu, qajmu mill-art u qiegħdu għalih; Imbagħad ħareġ ix-xabla u beda jagħtih biċ-ċatt tagħha. Farrugia laqa' d-daqqiet b'idejh, iżda ġie midrub u beda ħiereġ id-demm.

Meta s-suldati l-oħra raw dan, qalu: "Madonna tal-ħniena, din x'moħqrija hi ?!" u qamu malajr minn bilqegħda u u dawru lill-Kaptan bl-armi f'idejhom, waqt li bdew jgħajtu: "tuh lil dax-xitan, tuh lil dal-kelb."

**Gużê Ġatt.**

*Jissokta*